**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Mejju 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 218/2016 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 359/2013)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*A. Dikjarazzjoni tal-Fatti*

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 2013;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt subien tewmin, D u E nhar il-25 ta' Mejju tas-sena 2014;*

3. *Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi senjatament vjolenza domestika, mohqrija, theddid, u offizi gravi kommessi mill-konvenut fuq l-esponenti, u wkoll ghaliex il-hajja flimkien m'ghadhiex possibli minhabba inkompatibilita' serja ta' karattri bejn il-partijiet;*

4. *Illi permezz tad-Digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-1 ta' Awwissu 2016 il-proceduri ta' medjazzjoni li kienu pendenti bejn il-partijiet gew maghluqa u l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b'din il-kawza ghas-separazzjni personali bejniethom.*

B. *Raguni ghat-Talbiet f'Dawn il-Proceduri:*

*Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex:*

1. *Tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-ligi, u sabiex jinggataw id-disposizzjonijiet kollha necessarji u ancillari;*

2. *Jigu stabbiliti il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kura u l-kustodja, access u mantenimenti relatati mat-trobbija tal-ulied minuri tal-partijiet.*

C. *Talbiet Attrici:*

*Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut jghidd ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghadhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba rragunijiet premessi rikonoxxt fil-Ligi imputabbli lill-konvenut u anke minhabba inkompatibilita' serja tal-karattri tal-partijiet li wasslet ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet Nicholas u E B esklussivament f'idejn l-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet fissiti stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti, tenut kont l-ahjar interess tal-minuri;*

3. *Tiffissa r-retta alimentari ghall-ulied minuri tal-partijiet pagabbli mill-konvenut lill-attrici u tikkundanna wkoll lill-konvenut illi jhallas l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri sa meta dawn jilhqu l-eta' maggorenni jew sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena f'kaz illi l-minuri jew min minnhom ikomplu bl-istudji taghhom wara li jilhqu l-eta' maggorenni;*

4. *Tordna illi dan il-manteniment, illi ghandu jizdied minn sena ghall-ohra skont ir-rata ta' inflazzjoni f'kull anniversarju mill-eventwali sentenza, jithallas direttament mill-employer tal-konvenut, kull fejn dan jista' jkun qieghed jahdem minn zmien ghal zmien jew minn kull min, ghal xi raguni jew ohra jhallas lill-konvenut regolarment, lill-attrici f'kont bankarju illi jigi minnha indikat appozitament ghal dan il-ghan;*

5. *Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet hem imsemmija, u konsegwentament tiddikjara illi l-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni, bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratwitu, minghand l-attrici, illi ghandu jigi ritornat lilha;*

6. *Tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*

7. *Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti jew illi huma b'xi mod iehor huma komproprjeta' taz-zewg partijiet, f'zewg ishma illi, in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jknux ugwali, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess;*

8. *Tassenja lill-attrici l-beni perafernali taghha u/jew il-valur tal-istess f'kaz dan ma jkunx possibbli, u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-*

*kaz;*

9. *Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun hemm bzonn sabiex jippubblika l-eventwali atti, flimkien ma' data, lok u hin ghall-eventwali qasma tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

10. *Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali Sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-paragrafu wiehed u tnejn huma vertieri u l-esponenti ghaldaqstant jaqbel maghhom.*

2. *Illi l-kontenut tat-tielet paragrafu in kwantu illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irremedjabbilment huwa wkoll minnu pero' zwieg thassar biss unikament htija ta' martu A illi, appena l-koppja twieldulha t-tewmin Nicholas u E ftit iktar minn sena wara li zzewgu, l-attitudni tar-rikorrenti kontra l-esponenti nbiddlet minn lejl ghan-nhar bir-rikorrenti bdiet kif ghadha tqies lil zewgha l-esponenti qieghed hemm biss biex jipproduci l-flus u jghaddihom kollha lil martu u minn fuq li hekk jaghmel kienet tghajjru konsistentament li mhux qed jaqla bizzejjed u li huwa kien xhih maghha u ma uliedu; dana meta wara li jghaddilha l-paga kollha li kien jaqla, dakinhar li jaqlaha jew jiddepozita fil-kont komuni tal-koppja dakinhar li jirceviha kien ikollu litteralment jitkarrab biex tghaddilu xi haga ghall-bzonnijiet tieghu u wara hafna tqanzih kienet tghaddilu flus anqas milli jkollu bzonn ghall-patrol u biex ikun jista' jiekol x haga waqt ix-xoghol.*

3. *Illi m'hu assolutament minnu xejn illi l-eponent kien vjolenti ma martu jew b'xi mod haqarha, heddidha jew gie hati ta' offizi gravi kommessi kontriha kif qed jigi minnha allegat izda kienet hi unikament li kienet regolarment*

[2] Fol. 14.

*terfgha jdejha fuqu, tigirfu, tiksru u tghajjat mieghu quddiem kullhadd, tinsulentah u theddu ta' kuljum u ghalhekk kienet minhabba din l-imgieba taghha li tkisser dan z-zwieg kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

4. *Illi b'dana kollu u anke wara li r-rikorrenti rnexxielha b'qerq tiprokura li hu jitkecca mid-dar konjugali, l-esponenti xorta wahda baqa' jaghmel tentattiv wara tentattiv genwin biex il-partijiet jirrikonciljaw u meta deher li dan seta' jsehh billi l-partijiet ghamlu anke inkontri bejniethom u baghtu emails lil xulxin dwar il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni, r-rikorrenti reggha bdielha u sfortunatament dawn it-tentattivi sfumaw fix-xejn.*

5. *Illi ghaldaqstant filwaqt li l-esponenti jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu ir-ragunijiet ghal tali separazzjoni ghandhom jigu nputati unikament lir-rikorrenti ghalkemm f'dan l-istadju l-esponenti jrid u ma' jridx ikollu jghid illi z-zwieg tieghu ma martu tfarrak irrimedjabbilment.*

6. *In vista tal-premess l-esponenti jhoss illi t-talba ta' martu li tigi fdata hi biss bil-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi respinta b'dan li l-kura u l-kustodja kif inhi sal-lum u kif ordnata minn din il-Qorti pendente lite u cioe' kongunta salv naturalment li din il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar ma min ghandhom jghixu normalment it-tfal u d-data u l-hinijiet tal-access tal-istess lill-partijiet jew lill-ohra skond kif tiddeciedi din il-Qorti.*

7. *Illi l-esponenti kien minn dejjem, ghadu llum u ser jibqa' 'l quddiem jonora l-obbligazzjonijiet naturali u legali li ghandu versu uliedu u jhallas il-manteniment lilhom skond il-Ligi pero' certament m'ghandux jigi kundannat ihallas kwalsiasi manteniment lil martu billi din tahdem kemm barra mid-dar kif ukoll gewwa d-dar konjugali bhala nail technician u bil-manteniment provvizorju li bhalissa qed tircievi minghand l-esponenti, d-dhul taghha minn negozju li qed taghmel, ic-childrens allowance li qed tippercepixxi u kwalsiasi allowance ohra li l-Gvern jghaddi lil kull familja hija ghandha dhul sostanzjali li jeccedi dak li jifdalu f'idejh l-esponenti wara t-tnaqqis tat-taxxa u tal-bolla u l-manteniment provvizjorju li qed ihallasha.*

8. *Illi in oltre r-raguni l-ghaliex dan iz-zwieg jidher li spicca m'hi bl-ebda mod*

*minhabba adulterju jew li dahlet xi persuna ohra f'hajjet l-esponenti izda biss ghar-ragunijiet gia' fuq imsemmija.*

9. *Illi ghal dak li jirrigwarda r-raba' talba tar-rikorrenti m'hemm assolutament l-ebda opposizzjoni ghal dak li qed jigi mitlub ukoll ghaliex din it-talba hja wahda superfluwa tenut kont illi l-manteniment ordnat provvizorjament minn din il-Qorti gia' qed jghaddi lill-esponenti b'mod regolari u fil-pront.*

10. *A rigward it-talba numru hamsa u in vista ta' dak gia' eccepit supra din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba ghall-applikazzjoni kontra l-esponenti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi tiddikjara wkoll illi bl-ebda mod il-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmija fl-Artikoli 631 u 633 tal-istess Kap sabiex it-talba kollha msemmija fil-hames talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda fl-interieta taghha.*

11. *L-esponenti salv ghal u minghajr pregudizzju ta' dak li gie eccepit jaqbel illi din il-Qorti tistabbilixxi d-data ta' meta r-rikorrenti ghandha tigi kkunsidrata li kienet hatja tat-tifrik ta' dan iz-zwieg kif jaqbel ukoll illi tigi likwidata u xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u l-istess igi maqsuma u diviza bejniethom skont il-Ligi.*

12. *Fl-ahharnett l-esponenti jaqbel ukoll mal-kontenut tat-tmien u d-disa' talba tal-attrici fir-rikors promotur kif jaqbel ukoll li l-eventwali sentenza tigi rregstrata fir-Registru Pubbliku.*

*Ghaldaqstant u billi t-talbiet tar-rikorrenti kif minnha mitluba u fejn talbet dak li m'ghandhiex dritt ghalih skond il-Ligi qed jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra taghha.*

*Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tal-1 ta' Awwissu 2016,[3] fejn *inter alia* l-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprċedu bil-kawża legali fit-

[3] Fol. 6.

terminu mpost mil-liġi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mallia,[4] u sussegwentament sostitwita b'Dr Greta Mifsud Agius,[5] u b'Dr Maria Dolores Gauci,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat is-sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi, mogħtija nhar l-14 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2018 u ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjuġi B;

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju 2021,[7] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-attriċi tad-29 ta' April 2021,[8] kif ukoll ir-risposta tal-konvenut mingħajr oġġezzjoni datata 12 ta' Mejju 2021,[9] il-Qorti rriżervat li tipprovdi mas-sentenza finali iżda laqgħat it-talba biex is-separazzjoni tiġi konvertita f'talba għal pronunzjament ta' ħall taż-żwieġ, u b'hekk il-proċeduri odjerni ta' firda personali ġew ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili konvertiti fi proċeuri ta' divorzju;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[10]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;[11]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[12]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

[4] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tal-11 ta' Jannar 2017, a fol. 20.
[5] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2017, a fol. 774.
[6] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tal-14 ta' Frar 2019, a fol. 920.
[7] Fol. 1203.
[8] Fol. 1196.
[9] Fol. 1202.
[10] Fol. 1417.
[11] Fol. 1452.
[12] Fol. 1416.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, li kienu żżewġu nhar it-3 ta' Marzu 2013. Minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, li huma minorenni, it-tewmin E u D, aħwa B, li għandhom kważi disa' (9) snin. L-attriċi qiegħda titlob il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, kif ukoll li jiġu regolati l-effetti konsegwenzjali ta' tali firda u ħall taż-żwieġ. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi xorta waħda għandu jiġi evalwat min mill-partijiet kellu l-ħtija li ġabet it-tifrik taż-żwieġ, u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tapplika *o meno* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll Artikoli 631u 633 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u D, aħwa B, esklussivament f'idejn l-attriċi;

3. Takkorda manteniment għal minuri, kif ukoll tordna lil konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzoni tal-minuri, liema manteniment jawmenta kull sena skont l-għoli tal-ħajja u għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

5. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni kollha tagħha parafernali.

Min-naħa l-oħra l-konvenut, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, il-konvenut joġġezzjona għal maġġoranza tagħhom, fosthom l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, u kif għandha tkun vestita l-kura u kustodja tal-

minuri. Madanakollu jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata u li jitħallas manteniment għall-ulied.

Għaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iż-żwieġ tagħhom. Jidher ukoll li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ.

## 2. Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ u l-Ħall taż-Żwieġ:

*Ir-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:*

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit,[13] fejn qalet li ltaqgħat mal-konvenut fis-sena 2010, u wara sentejn għerusija żżewġu nhar it-3 ta' Marzu 2013. Matul l-għerusija, il-partijiet kienu jgħixu għand il-ġenituri tal-attriċi, fejn għal bidu kollox kien miexi sew, iżda ftit ġimgħat qabel iż-żwieġ beda jiżdied il-ġlied u t-tilwim bejniethom. Madanakollu, il-partijiet xorta waħda żżewġu għaliex kienu qablu li dan il-ġlied kien frott tat-tensjoni ta' qabel iż-żwieġ. Wara ċ-ċerimonja, il-partijiet marru jgħixu flimkien ġewwa l-fond bl-indirizz *"X, Block C, Flat 6, X Road, Qormi"*, fejn baqgħu joqgħodu flimkien sakemm infirdu minn xulxin, u llum din hija r-residenza tal-attriċi. Magħdud ma' dan, l-attriċi tispjega li maż-żwieġ hija waqfet taħdem, u finanzjarjament l-attriċi kienet tiddependi fuq il-konvenut. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien rgħib u dejjem kien ikollha titkarrab biex jagħtiha flus biex tgħix, u wara kull argument kien joħdilha kull ma jkollha flus kif ukoll l-*internet key* sabiex ma tkunx tista' taċċessa l-kontjiet bankarji *online*.

Jingħad ukoll illi fl-ewwel xahar miż-żwieġ, il-konvenut beda jsir dejjem iktar aggressiv u vjolenti lejn l-attriċi, kemm psikoloġikament kif ukoll fiżikament. L-attriċi tikkontendi illi hija dejjem kienet taħfirlu bl-intiża li ssalva ż-żwieġ in vista li kienu għadhom proprju kemm jiżżewġu. Minkejja dan, l-attriċi tispjega li l-attitudni ta' żewġha baqgħat tiggrava, u dan anke meta hija kienet tqila b'uliedhom tewmin li kienu twieldu nhar il-25 ta' Mejju 2014, u xehdet li l-konvenut kien jidħol id-dar dejjem tard u kien ikun dejjem vjolenti. Tali attitudni bdiet iżżid it-tensjoni u l-ġlied fiż-żwieġ. Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava wara t-

[13] Fol. 22.

twelid tat-tfal, u l-attriċi ssemmi żewġ episodji ta' vjolenza domestika, tgħajjir u theddid, fejn l-attriċi kellha bżonn saħansitra l-assistenza medika, ossija nhar l-4 ta' Lulju 2014 u l-21 ta' Mejju 2016. Wara dan iż-żewġ episodji, l-attriċi tgħid li ndunat li kienet qed tirriskja ħajjitha u l-ġid ta' uliedha, u kien għalhekk li bdiet il-proċeduri ta' medjazzjoni.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tressaq is-segwenti provi:

a. *Rapport maħruġ mill-iSptar Mater Dei fejn it-tabib Dr Sergei Bogomazov talab li ssir x-ray fuq l-attriċi nhar l-4 ta' Lulju 2013*;[14]

b. *Dokumenti maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja u l-Emerġenza nhar il-21 ta' Mejju 2016*;[15]

c. *Rapport datat 21 ta' Mejju 2016*,[16] fejn l-attriċi rrapportat mal-Pulizija illi kellha argument ma' żewġha wara li dan ġie mix-xogħol f'nofs ta' lejl għaliex dan beda jitkellem jgħajjat u jsejjaħ lit-tfal meta dawn kienu reqdin, u wara li din sikktitu, huwa beda jinsulentaha, jheddidha, u kien vjolenti fiżikament;

d. *Ix-xhieda ta' Francesca L (WPC 296) in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[17] li ppreżentat ir-rapporti li għamlet l-attriċi kontra żewġha;[18]

e. *L-affidavit ta' F G, ossija ħabiba tal-attriċi, debitament maħluf nhar il-5 ta' Ġunju 2019 u ppreżentat nhar is-6 ta' Ġunju 2019*,[19] li tikkonferma l-verżjoni tal-attriċi;

f. *L-affidavit ta' H I, ossija ħabib tal-attriċi, debitament maħluf nhar il-5 ta' Ġunju 2019 u ppreżentat nhar is-6 ta' Ġunju 2019*,[20] li kkonferma l-verżjoni tal-attriċi;

[14] Fol. 32.
[15] Fol. 34 – 39.
[16] Fol. 40.
[17] Fol. 809.
[18] Fol. 816 - 837; Rapport datat 17 ta' Diċembru 2016, datat 16 ta' Awwissu 2016, datat 21 ta' Mejju 2016, datat 10 ta' Ġunju 2016, datat 16 ta' Ġunju 2016, datat 18 ta' Lulju 2016, datat 11 ta' Awwissu 2016;
[19] Fol. 935.
[20] Fol. 937.

g. *L-affidavit ta' J K, ossija missier l-attriċi, debitament maħluf nhar is-17 ta' Lulju 2019 u ppreżentat nhar it-18 ta' Lulju 2019*,[21] li kkonferma l-verżjoni ta' bintu;

h. *L-affidavit ta' L K, ossija omm l-attriċi, debitament maħluf nhar is-17 ta' Lulju 2019 u ppreżentat nhar it-18 ta' Lulju 2019*,[22] li kkonfermat il-verżjoni ta' bintha;

i. *Ritratti ta' E B ppreżentati nhar l-10 ta' Diċembru 2019 fejn ġie allegat li ġie msawwat minn missieru u ħallih jieħu xemxata u ċertifikat mediku li jikkonferma li t-tifel ħa xemxata*;[23]

j. *Ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali*,[24] fejn ippreżentat kopja ta': (i) sentenza fl-ismijiet **Pulizija (Sup. Roderick Agius) vs C B**, deċiża nhar is-17 ta' Settembru 2018,[25] (ii) nota tal-appell mis-sentenza tas-17 ta' Settembru 2018 bin-numru 360/2018,[26] (iii) nota ta' appell minn C B bin-numru 62/2018;[27]

k. *Affidavit ta' M N, ossija oħt l-attriċi, ippreżentat nhar is-16 ta' Lulju 2020*,[28] li tikkonferma l-verżjoni ta' oħtha;

l. *Affidavit ta' O P, ossija ħabiba tal-attriċi, ippreżentat nhar is-16 ta' Lulju 2020*,[29] li tikkonferma l-verżjoni ta' l-attriċi;

m. *Kontro-eżami tal-konvenut*,[30] fejn jikkonferma li wara tlett (3) xhur għerusija kien xtralha ċurkett waqt li kienu Venezja, iżda jinnega li kien proponilha biex jiżżewġu. Jikkonferma li l-attriċi u ommha kein ikollhom ħafna argumenti, u jiddeskrivi lill-ommha bħala *'l-boss'*.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

[21] Fol. 958.
[22] Fol. 960.
[23] Fol. 1035.
[24] Fol. 1054.
[25] Fol. 1055.
[26] Fol. 1068.
[27] Fol. 1069.
[28] Fol. 1089.
[29] Fol. 1090.
[30] Fol. 1379.

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit,[31] fejn iddikjara illi l-partijiet ltaqgħu nhar l-24 ta' Ottubru 2010, u wara sena għerusija, bdew jgħixu flimkien għand il-ġenituri tagħhom, dan għaliex ma kienux jgħaddu mingħajr xulxin u apparti l-fatt ukoll li l-konvenut kien jispiċċa tard mix-xogħol u l-attriċi kienet taħdem filgħodu. Madanakollu skont il-konvenut kien hemm problema fil-familja, fejn omm l-attriċi kienet vjolenti ma' bintha, fost ħafna għajjat u ġlied bejniethom. Kien għalhekk li l-attriċi kienet talbet lil konvenut sabiex jiżżewġu sabiex titlaq mid-dar tal-ġenituri tagħha, iżda jingħad li tali aġir baqa' għaddej anke wara li l-partijiet iżżewġu. Għalhekk il-partijiet ftehmu fuq data taż-żwieġ u bdew ifittxu l-postijiet, iżda l-konvenut jikkontendi li l-attriċi riedet tixtri post qrib il-ġenituri tagħha. Huma fil-fatt xtraw post viċin il-ġenituri tal-attriċi, versu l-prezz ta' €123,500 fejn din tal-aħħar ħarġet id-depożitu tal-konvenju filwaqt li huwa kellu koħroġ il-kumplament tal-ispejjeż.

Skont il-konvenut, hekk kif huwa ħareġ il-flus kollha li kellu mġemma sabiex jixtru d-dar matrimonjali tagħhom, l-atitudni tal-attriċi bdiet tinbidel, hekk kif bdiet tgħajjar, tiġġieled, toffendih, u tibdil anke fl-intimita' ta' benjniethom. Jgħid li kien ser iħassar iż-żwieġ lejliet stess għaliex kienu argumentaw, iżda wara li telaq mill-appartament kienet omm l-attriċi li ċemplitlu fejn bdiet theddu biex ma jħassarx festi. Jammetti li lill-attriċi kien iħobbha, b'hekk dawwar fehemtu u nhar it-3 ta' Marzu 2013 il-partijiet iżżewġu. Wara ftit xhur miż-żwieġ tagħhom, l-attriċi riedet tieqaf taħdem *full-time*, iżda taħdem biss bħala *nail technician*. Fil-fatt hekk sar, u l-klijenti maż-żmien bdew jonqsu, u l-paga tal-konvenut biss ma bdietx isservi. L-intimita' bejniethom naqset ukoll, u l-*mobile* ma kienet tafdah imkien. Ma kienux joħorġu waħedihom għaliex l-attriċi kienet dejjem tistieden lil sħabha magħhom. Barra minn hekk, l-attriċi kienet dejjem tgħid li trid it-tfal, u kif il-konvenut kien ifakkarha li l-paga tiegħu ma kienetx qiegħda sservihom, hija kienet theddu li jekk ma kienx ser jaċċetta kienet ser tissepara minn miegħu. Spiċċaw sabiex il-konvenut kellu jagħmel test tal-i*sperm count,* u wara li dan irriżulta pożittiv, l-attriċi bdiet tieħu l-*fertility pills* u sussegwentament ħarġet tqila f'Ottubru 2013.

Il-konvenut jiċħad li kien hemm każ ta' vjolenza nhar il-25 ta' Diċembru 2013, meta sar festin tal-Milied minn wara dahar il-konvenut hekk kif dan rritorna lura d-dar wara ġurnata xogħol. Jgħid li għalkemm ġew il-Pulizija, ebda rapport ma kien sar, u kull ritratt ta' vjolenza ma kienux tal-attriċi iżda ta' terza persuna li bgħatithom lilha, liema ritratti kienu ukoll misjuba fuq *mobile* antik.

[31] Fol. 1224.

Konsegwentement nhar it-2 ta' Jannar 2014, il-partijiet skoprew li kien ser ikollhom tewmin, li twieldu nhar il-25 ta' Mejju 2014.

Mat-twelid tat-tfal, il-konvenut jgħid li fis-6 ta' filgħodu kien isib lill-omm l-attriċi fid-dar matrimonjali tal-partijiet, għaliex l-attriċi kenet tat kopja taċ-ċavetta tad-dar tal-partijiet mingħajr il-permess tal-konvenut. Il-komunikazzjoni da parti l-attriċi lejn żewġha tnaqqset drastikament, fejn ma kienetx tikkalkulah, u l-ġlied bejn l-attriċi u ommha baqa' dejjem jżdied minħabba indħil żejjed fuq it-tfal. Magħdud ma' dan, sesswalment il-partijiet kien ikollhom rapport bejniethom fis-7 ġurnata ta' kull xahar, u ċjoe' mal-wasla tal-paga tal-konvenut. L-attitudni tagħha kienet kompletament differenti. L-attriċi ma riedetx toħroġ taħdem għaliex ma riditx tpaxxih, u minnflok kienet toħodlu kull sold li kien ikollu. Kull darba li jikkumenta dwar is-sitwazzjoni, l-attriċi kienet tispiċċa tgħajjat u theddu b'separazzjoni. Kien imur ix-xogħol bi ħwejjeġ mhux daqshekk nodfa, imqatta', u ma setgħax imur għand ommu waħdu jew jattendi ikla ma' sħabu tax-xogħol.

Kompla jixhed illi l-attriċi kienet keċċiet bil-pulit lil omm il-konvenut barra mid-dar, u ppruvat iġġieldu minn mal-kuġini tiegħu, u kull ma jagħmel il-konvenut kien dejjem ħażin. Kull passatemp li kellu, kellu jwaqqfu. Kienet titlob il-flus lil omm il-konvenut minn wara daharu. Lanqas ma kienet tħallih iħallas lura lil oħtu tal-flus li kienet selfitu, għaliex meta darba ħallasha lura €2,000, kien inqala' argument. Anke party tat-tfal kienet għamlitlu minn wara daharu, hekk kif il-konvenut sar jaf b'dan il-*party* minn kollegi tiegħu tax-xogħol li rċevew l-invit mingħand l-attriċi. Għalhekk wara li rritorna d-dar mix-xogħol, il-konvenut staqsiha dwar dan il-festin, meta huma kienu diġa' ftehmu illi għal *birthday* tat-tfal kienu ser joħorġu huma waħedhom bit-tfal. L-attriċi qaltlu li ftehemt kollox ma' ommha, u li flus jieħdu minn dawk li l-konvenut kien qed ifaddal għal oħtu. Jgħid illi l-argument ta' bejniethom skala f'għajjat u vjolenza fiżika, fejn l-attriċi pprovokatu. Minn dakinhar is-sitwazzjoni ggravat mmens, fejn il-konvenut baqa' jiġi pprovokat u huwa pprova jfittex l-għajnuna. Jingħad li l-attriċi ġibdet il-flus li kellhom fil-*joint accounts* mal-APS Bank u HSBC Bank Malta plc. Min-naħa l-oħra, il-konvenut ġibed il-flus li kien hemm fil-kontijiet intiżi għal uliedu minuri. Huwa kien attenda għal sessjonijiet ta' terapija għand Ms Mariella Zerafa.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda tal-attriċi,*[32] li tikkonferma li kienet infurmat lil konvenut bis-separazzjoni meta seħħ l-aħħar każ ta' vjolenza fil-konfront tagħha, iżda

[32] Fol. 1117.

tgħid li kienet tgħidlu li skjava tiegħu ma kienetx ser toqgħod u li tippreferi li trabbi lit-tfal waħedha milli fis-swat. Tiċħad illi hija riedet bilfors tmur tgħix viċin il-ġenituri tagħha, u anke li l-ġenituri tal-konvenut offrewlhom post li kienu ser jiżviluppaw. Tgħid li huma flimkien iddeċidew li jixtru d-dar matrimonjali tagħhom madwar disa' (9) xhur qabel iż-żwieġ, madanakollu ma tiftakarx kemm ħalsu flus kull wieħed mill-partijiet. L-attriċi iżda tikkonferma illi hija ħalset żgur il-flus tal-konvenzju u l-bolol, filwaqt li tgħid li l-ġenituri tagħha tawha somma ta' flus. Tgħid li ma kien hemm l-ebda self mingħand terzi;

F'xhieda ulterjuri,[33] l-attriċi ppreżentat lista tar-rigali li l-partijiet irċivew għaż-żwieġ tagħhom. Tikkonferma li ma hemm l-ebda karta fir-rigward tal-flus tawha l-ġenituri tagħha. Ikkonfermat illi l-*email address* tagħha huwa x@hotmail.com;

F'xhieda oħra ulterjuri,[34] l-attriċi tgħid illi meta żżewġu, fid-dar matrimonjali kien għad fadal li jsiru żewġ *spare bedrooms* u l-bibien, fejn dawn tal-aħħar tħallsu mill-introjtu ta' żewġha. Il-kċina u l-*kitchen top* tħallsu mill-konvenut qabel iż-żwieġ, iżda l-oġġetti li jinsabu ġol-kċina jappartjenu kollha lilha. Il-*gypsum* tħallas nofs bin-nofs qabel iż-żwieġ, anke r-raff tal-garaxx, iżda l-*fitted carpet* tħallas mill-attriċi. Tikkonferma li qabel kellha *email address* ieħor li kien x@hotmail.com. Fir-rigward tal-*email* ppreżentat tal-attriċi lil Q L, l-attriċi tispjega li r-ritratt ta' tbenġil kien tbenġil kkawżat mill-konvenut fuq il-persuna tal-attriċi, liema ritratt kienet bagħtitu lil ħabibtha sabiex ikollha *backup* tar-ritratt.

b. *Ix-xhieda ta' Maria Doleres Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali*,[35] fejn ippreżentat lista tal-kawżi kriminali kontra l-konvenut bin-numri 61/2018 u 360/2018,[36] kif ukoll sentenza mogħtija kontra l-konvenut nhar is-17 ta' Settembru 2018,[37] liema sentenza ġiet appellata;

c. *Rapport ta' fertility testing tal-konvenut datat 17 ta' Settembru 2013*;[38]

[33] Fol. 1162.
[34] Fol. 1173.
[35] Fol. 1155.
[36] Fol. 1141.
[37] Fol. 1142
[38] Fol. 1276.

d. *Emails mingħand M K, ossija oħt l-attriċi, mibgħuta lill-attriċi nhar is-17 ta' Ġunju 2016, fejn l-istess M K għamlet forward lill-oħtha ta' email mingħand Q N bl-isem ta' 'Fwd: Very Important Photos' li jinkludi fih email ieħor datat 9 ta' Ottubru 2013 mingħand l-attriċi lil Q* L, b'ritratti ta' tbenġil u l-kliem *"Sa, kellha habibti ma hasrithomx thank god"*;[39]

e. *Kontro-eżami ta' O P,*[40] din ix-xhud tikkonferma li hija ħabiba tal-qalb tal-attriċi u ltaqgħu fuq il-post tax-xogħol. Ma' C kienet tiltaqa' meta kien hemm il-preparamenti tat-tieġ, u kienet tmur id-dar tal-partijiet filgħaxija madwar darbtejn fil-ġimgħa meta l-konvenut kien ikun xogħol peress li jaħdem ta' *chef*, iżda ma baqgħatx tmur għaliex omm l-attriċi kienet qaltilha li l-konvenut ma kienx qed jieħu gost biha d-dar, għalkemm ma ġietx infurmata għaliex kien qed jiddejjaq. Tispjega li l-affarijiet li qalet fuq C fl-affidavit tagħha, irrakkuntathom mhux għax rathom b'għajnejha iżda għax kienet qaltilha bihom l-attriċi. Tikkonferma li ġurnata qabel iż-żwieġ, il-partijiet kellhom argument u l-konvenut telaq mid-dar tal-partijiet. Tgħid li ġieli rat grif fuq dahar l-attriċi, u kif ukoll *black eye,* imma qatt ma rat vjolenza da parti l-konvenut. Iżda tgħid li l-attriċi ġieli ċemplitilha waqt xi ġlieda li kien ikollha mal-konvenut, jew inkella wara jew l-għada;

f. *Kontro-eżami ta' Anabelle N,*[41] li tispjega li l-konvenut qatt ma għalaq kontijiet bankarji wara xi ġlieda, iżda tikkonferma li ġieli neħħa l-flus mill-imsemmija kontijiet u dan tal-inqas darbtejn wara żewġt ġliediet li kellhom il-partijiet. Barra minn hekk tispjega illi wara l-aħħar ġlieda, l-familja tagħha kienu jgħinuha finanzjarjament;

g. *Kontro-ezami ta' F I G,*[42] fejn spegat li primarjament hi kienet taf lill-attriċi u konsegwentament saret taf lil konvenut ukoll, fejn kienet toħroġ ma' l-attriċi waħedha u anke bħala koppji. Tgħid illi qabel iż-żwieġ qatt ma ħasbet ħażin fir-relazzjoni bejn il-partijiet. Tispjega ukoll li wara ż-żwieġ, l-attriċi ma bdietx tleħħaq max-xogħol tad-dar, u kien hemm deċiżjoni bejniethom li din tieqaf mix-xogħol. Wara li twieldu t-tfal, ix-xhud tgħid li ġieli kienet tkun preżenti fid-dar tal-partijiet, fejn il-konvenut ma kienx ikun hemmhekk għax kien ikun xogħol. Tikkonferma illi l-attriċi kienet tinkwieta fuq il-ħinijiet twal tax-xogħol tal-konvenut, u peress li l-partijiet kellhom tewmin, kienet omm l-attriċi li kienet tgħinha. Madanakollu tgħid li qatt ma ratu fis-

---

[39] Fol. 1277 – 1282.
[40] Fol. 1287.
[41] Fol. 1298.
[42] Fol. 1310.

sakra, iżda tisħaq illi *"meta hu kien telaq mid-dar ma kellhiex il-flus, u jien u llum ir-raġel tiegħi, konna għamilnielha xirjiet biex ngħinuha għax ma kellha xejn affarijiet, bżonnijiet"*. Tiftakar li kien hemm drabi fejn il-konvenut kien jikkoreġġiha quddiemha fir-rigward ta' tisjir;

h. *Kontro-eżami ta' H I,*[43] jgħid li hu flimkien ma' martu kienu ta' sikwit joħorġu mal-partijiet jew tal-inqas ikunu fil-preżenza tagħhom, madwar seba' jew tmien darbiet fix-xahar. Jispjega illi l-konvenut ġieli kien ikun id-dar u ġieli le, għaliex kien ikun għax-xogħol. Jgħid illi huwa qatt ma ra lil konvenut fis-sakra, iżda kull darba li joħorġu l-konvenut kien iħobb jixrob. Jikkonferma li qatt ma ra lil C jerfa' jdejh fuq l-attriċi, imma ra b'għajnejh stess it-trawma li kellha fuqha l-attriċi, speċjalment meta tiġi avviċinata minn persuna tas-sess maskili. Jikkonferma li l-attriċi kellha *partner*, ossija ċertu Alex Azzopardi.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 66D tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:*

Dan l-artikolu tal-liġi, f'subinċiż 1 jiġi stipulat illi:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba".*

Konsegwentament, u b'referenza speċifika għal subinċiż 3, il-liġi tisħaq illi:

*"Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija*

[43] Fol. 1318.

*mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaqf'kawża ta' separazzjoni".*

b. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[44] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[45] u **Antoinette P vs Alexander P**,[46] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa*

---

[44]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. K nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[45]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[46]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. K fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[47] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[48] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[49]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[50]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

Mill-atti li għandha quddiemha, il-Qorti tinsab moralment konvinta li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser *primarjament* b'mod irrimedjabbli stante nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar kwistjonijiet bażiċi relatati mal-ħajja matrimonjali, kif ukoll minħabba indħil żejjed minn familjari. Konsegwentament jirriżulta illi dan in-nuqqas ta' qbil wassal lil partijiet biex jargumentaw ma' xulxin konsistentement, liema argumenti f'ċertu istanzi skalaw ferm, u tali ġlied laħaq il-quċċata nhar il-21 ta' Mejju 2016 fejn il-konvenut spiċċa kien vjolenti ma' martu wara li din kienet volontarjament weġġħatu bi kliemha.

Il-Qorti tara illi l-attriċi tilmenta illi l-konvenut:

---

[47] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[48] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[49] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[50] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

(i) Kien possessiv fuq il-flus, tant li kellha titkarrab għal flus u ma' kull ġlieda l-konvenut kien jaqleb il-flus fuqu u kien jieħu l-aċċess għal *internet banking*:

F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tarax illi l-attriċi ppruvat b'mod sodisfaċenti tali allegazzjoni, hekk kif mill-i*statements* bankarji jidher illi l-attriċi dejjem kellha flus fuq isimha, u lanqas ma jidher illi l-konvent qatt qaleb il-flus kolha fuq ismu u ħalla lill-attriċi mingħajr flus fil-kontijiet bankarji intestati ukoll fuq isimha. Magħdud ma' dan, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova illi l-konvenut kien jillimitaha milli jkollha aċċess għall-*internet banking key*, u ġie kkonfermat li kull għajnuna finanzjarja li qatt l-attriċi rċeviet mingħand familjari u ħbieb kienu kollha wara li l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin fl-2016.[51]

Il-fatt li l-konvenut biss kien jaħdem ifisser li huwa kien il-*breadwinner* tal-familja u mill-atti jirriżulta ċar illi l-konvenut kien jaħdem b'metodu ta *budget*, sabiex b'hekk il-flus jintefqu b'mod għaqli għal familja kollha. Dan minnu nnifsu ma jistgħax jiġi nterpretat bħala possessivita' fuq il-flus iżda mod baziku ta' mmaniġjar ta' flus, li miegħu donnu l-attriċi ma kienetx taqbel. Pero' mill-i*statements* bankarji jidher illi l-attriċi dejjem xtrat dak li kellha bżonn, u *se mai* l-għajnuna li ngħatat lill-attriċi wara li l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin kien frott tan-nuqqas ta' impjieg u introjtu tal-attriċi, hekk kif jirriżulta li l-aħħar li ħadmet kien fit-28 ta' Ġunju 2013 u reġgħat bdiet taħdem nhar l-1 ta' Marzu 2017.[52] Il-Qorti tkompli tikkonferma l-pożizzjoni tagħha, hekk kif kieku l-konvenut kien verament possessiv fuq il-flus, kien iħalli lil martu nieqsa mill-flus, u jċaħħadha minn dak li fil-veL' jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi kienet taġixxi billi tipprovdi għaliha nnifisha u tiġġenera hi ukoll introjtu. Madanakollu u minkejja li hija vvantat li kienet *'titkarrab'* għal flus ma' żewġha, jidher li fl-istess waqt kienet lesta li tibqa' *'titkarrab'* iżda ma tmurx taħdem, forsi bl-iskuza li t-tfal kienu għadhom żgħar – verżjoni li din il-Qorti ma temminx, tenut kont li llum hawn l-għajnuniet kollha possibbli sabiex tkun iktar faċli għal kull ġenitur sabiex ikompli jaħdem anke jekk ikollu tfal żgħar. Għalhekk il-Qorti ma tistgħax issib lil konvenut ħati ta' possessivita' ta' flus li twassal għal moħqrija.

[51] *Vide* ix-xhieda u l-kontro-eżamijiet ta' F G, H I u Annabella N.
[52] Fol. 1208.

(ii) Kien <u>agressiv u vjolenti</u>, fejn kien jidħol mix-xogħol dejjem tard u ġieli fis-sakra, u ssemmi żewġ (2) episodji fejn il-konvenut kien vjolenti, ossija nhar l-4 ta' Lulju 2013 u l-21 ta' Mejju 2016.

Il-Qorti tara illi l-konvenut jaħdem bħala *chef* u b'hekk ikun hemm ġranet fejn jaħdem filgħaxijiet, bil-konsegwenza illi jidħol tard d-dar. Madanakollu, ma tresqet l-ebda prova illi dan ġieli daħal lura d-dar fis-sakra, jew li kellu xi problema tal-vizzju tax-xorb. Magħdud ma' dan l-attriċi tikkontendi illi l-konvenut huwa persuna aggressiv u vjolenti. Għandu jiġi sottolinejat illi l-aggressivita' għandha tiġi definita bħala mod ta' kif wieħed iġib ruħu meta kkonfrontat b'ċertu sitwazzjonijiet, fejn l-aggressivita' f'persuna tista' twassal għal biża' u skumdita' f'persuna oħra, għaliex jekk l-aggressivita' ma tiġix kontrollata din tista' twassal għal vjolenza. Għaldaqstant l-aggressivita' u l-vjolenza ma humiex sinonimi għal xulxin u b'hekk ma jistgħux jintefgħu fl-istess keffa. Pero' għalkemm huma distinti minn xulxin, jista' jagħti l-każ li l-aggressivita' tista' twassal għal vjolenza f'każ li jkun hemm eskalazzjoni ta' argument.

Fil-każ odjern, l-attriċi tittenta tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut huwa kemm aggressiv, kif ukoll vjolenti tant li sfat vittma ta' vjolenza domestika. F'dan il-kuntest, il-Qorti rat il-provi mresqa, senjatament: (i) ir-rapporti mediċi tal-attriċi, (ii) ir-rapporti li l-attriċi għamlet mal-Pulizija kontra l-konvenut, (iii) is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-17 ta' Settembru 2018, u (iv) ix-xhieda tal-ħbieb u familjari tal-attriċi. Mill-istess provi jirriżulta illi l-attriċi resqet biss rapport wieħed kontra l-konvenut rigward vjolenza domestika, u ċjoe' rigward l-episodju tal-21 ta' Mejju 2016. Barra minn hekk, minkejja li hemm dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa datat 4 ta' Lulju 2013 fejn hemm miktub illi l-konvenut allegatament kien vjolenti fil-konfront ta' martu, ma sar l-ebda rapport mal-Pulizija.

Il-Qorti tissottolineja illi ħadet konjizzjoni partikolari tar-rapport tal-attriċi mal-Pulizija rigward l-episodju tal-21 ta' Mejju 2016 u s-sentenza li ngħatat f'dan ir-rigward, fejn il-Maġistrat sedenti konkludiet illi: *"Min-naha l-ohra l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalkemm r-reazzjoni fizika tieghu ma kenitx skuzabbli fit-termini ta' l-artikolu 227 fuq imsemmi, il-parte civile kellha s-sehem taghha ukoll fid-disgwid li nqala' dak in-nhar u f'l-eskalazzjoni ta' l-incident",* bil-konsegwenza illi sabet lil konvenut ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

filwaqt li pprovdiet siġurta' lill-attriċi. Għalhekk jidher ċar illi t-tnejn li huma kellhom kontribut għal dak li seħħ dakinhar, u magħdud ma' dan, il-Maġistrat innutat ukoll illi: *"jirrizulta ampjament li problemi bejniethom kienu ilhom jippersistu sa minn qabel iz-zwieg, hekk kif jirrizulta li r-relazzjoni ta' bejn kull wiehed/waħda mill-konjugi B mal-kunjati rispettivi kienet wahda difficli. Jirrizulta ukoll li kien hemm disgwid bejn il-konjugi B kwazi fuq kull aspett tal-hajja taghhom. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li tul il-proceduri odjerni tressqu hafna provi dwar il-hajja tal-konjugi B, dwar ir-relazzjoni taghhom ma' xulxin u mal-kunjati rispettivi, dwar l-allegat indhil tal-genituri ta' A fil-hajja konjugali u fil-mod kif huma (cioe il-konjugi B) kienu jiggestixxu hajjiethom, kif ukoll provi dwar xi incidenti li kienu nqalghu bejniethom fil-passat. (...) Illi mir-riassunt tal-provi jirrizulta ampjament li r-relazzjoni ta' bejn il-konjugi B xejn ma kienet felici u dan sa minn zmien l-gherusija. Minn dak li semghet din il-Qorti kien hemm problemi kbar fir-relazzjoni ta' bejnithom liema problemi kienu qed iwasslu ghal hafna disgwid u argumenti".*

Dan ifisser illi bejn il-partijiet kien hemm ħafna disgwid u ġlied, iżda l-Qorti tara illi dan l-episodju kien l-unika wieħed li ġie rrapportat, bil-probabilita' għaliex kien l-unika wieħed li eskala b'dan il-mod fejn wara diversi tgħajjir u kliem intiż biex iweġġa', il-konvenut safa' vjolenti fil-konfront ta' martu. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistgħax teskludi b'mod assolut illi l-konvenut huwa b'mod ripettitiv u konsistenti persuna vjolenti u aggressiva. Jista' jkun illi tali aggressjoni u vjolenza, *se mai*, kienet att iżolat u singolari. Żgur mhux forsi, dan l-episodju partikolari ma jistgħax jiġi deskritt bħala wieħed ċivili u feliċi, madanakollu fil-fehma tal-Qorti, l-attriċi naqset milli tipprovdi dawk il-provi li jikkonfermaw li l-konvenut huwa verament u konsistentament raġel vjolenti. Dak li ġie ppruvat huwa illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet dominata minn ħafna problemi, disgwid u argumenti.

Il-Qorti tara li min-naħa l-oħra l-konvenut jisħaq illi ż-żwieġ tkisser minħabba problemi familjari, u tibdil fl-attitudni tal-attriċi li riedet illi tgħix ħajja komda minn fuq dahar il-konvenut. F'dan ir-rigward, il-Qorti tara l-attriċi waqfet taħdem ftit wara ż-żwieġ u dan qabel ma kienet tqila bit-tewmin, liema aġir juri li kien hemm xi tip ta' deċiżjoni bejn il-partijiet, bil-probabilita' illi dan il-ftehim kien li l-attriċi kienet ser taħdem għal rasha bħala *nail technician* kif iddikjarat mill-konvenut, liema verżjoni ma ġietx kontradetta mill-attriċi. Dwar dan ix-xogħol ma tresqet l-ebda prova, u wisq anqas dwar l-introjtu tiegħu. Għalhekk jidher ċar

illi l-introjtu ewlieni tal-partijiet kien dak tal-konvenut, minn liema introjtu kellha tgħix familja sħiħa ta' erba' (4) min-nies. Minkejja dan, il-Qorti tħoss li dan minnu nnifsu ma huwiex prova konkreta illi l-attriċi riedet tgħix ħajja komda minn fuq dahar il-konvenut.

Madanakollu, il-Qorti taqbel illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser minħabba diverġenza ta' opinjoni tal-partijiet, nuqqas ta' kompatibbilita' fil-karattri u kif ukoll minħabba indħil familjari, speċjalment ta' omm l-attriċi. Il-Qorti tara illi d-disgwid u l-argumenti kontinwi bejn il-partijiet kienu frott l-inkompattabilita' tal-karattri tagħhom, barra minn hekk il-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-attriċi kienet tinfluwenza ruħha ferm minn dak li jgħidu l-ġenituri tagħha, u temmen illi għandha tagħmel dak li jgħidulha huma minnflok tiddiskuti ma' żewġha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinsab konvinta illi omm l-attriċi kienet tindaħal u dan kif irriżulta: (i) mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, (ii) mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut illi omm l-attriċi kellha ċavetta tad-dar matrimonjali u kienet tidħol u toħroġ x'ħin trid hi, (iii) mix-xhieda ta' O P fis-sens illi kienet ċemplitiha omm l-attriċi stess biex ma tibqgħax tmur id-dar tal-partijiet, u (iv) mix-xhieda ta' F G fis-sens illi omm l-attriċi kienet tgħinha fit-trobbija tat-tfal.

Għalhekk, il-Qorti tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament tara illi ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak minħabba nuqqasijiet taż-żewġ partijet, u ssibhom it-tnejn b'mod konġunt ħatja ta' nġurji gravi u nkompattibilita' ta' karattru.

## *Il-Ħall taż-Żwieġ:*

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ.

Illi fil-każ odjern jirriżulta illi:

i. Il-partijiet isseparaw *de facto* fis-sena 2016, u b'hekk il-partijiet ilhom seba' (7) snin separati *de facto* minn xulxin;

ii. Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana in vista li, t-tnejn qegħdin jaqblu li għandhom jgħixu

ħajja separata minn xulxin u t-tnejn li huma kellhom u/jew għandhom relazzjonijiet ma' terzi persuni;

iii. Ma jirriżultax li hemm kwistjonijiet u pendenzi dwar manteniment;

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiċħad it-talba tal-attriċi. Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili għal ksib tad-divorzju.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, u in vista tal-fatt li hawnhekk *si tratta* divorzju, ai termini tal-Artikolu 66E tal-Kodiċi Ċivili, *"fejn il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet issib illi l-parti l-oħra kienet ħatja li ġabet it-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 38, 40 u 41, il-qorti tista' tapplika mutatis mutandis kontra dik il-parti dak maħsub fl-artikolu 48".* Għalhekk, u ġialadarba ż-żewġ partijiet instabu ħatja, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi s-sanzjonijiet kif maħsuba f'Artikolu 48, li jikkomprendi Artikolu 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili, għandhom jiġu applikati *in toto* mhux biss fil-konfront tal-konvenut, iżda ukoll fil-konfront tal-attriċi.

**4. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:**

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu tewmin, u ċjoe' E u D B, nhar il-25 ta' Mejju 2014.

<u>*Provi Mresqa mill-Partijiet f'dan ir-Rigward, kif ukoll dwar l-Introjtu tagħhom:*</u>

a. *Fl-affidavit tagħha*, l-attriċi tikkontendi illi *"minħabba l-incidenti ta' vjolenza u aggressivita', mhux biss lejja imma anke lejn il-genituri tieghu stess, jien nibza' minn C, u nixtieq kemm jista' jkun li nevita li jkun hemm ghaliex niddiskuti mieghu, ghaliex jekk ma naqblux f'xi haga b'rasi jdur. Huwa ghalhekk li qieghda nitlob li l-kura u l-kustodja ta' E u D tkun esklussivament f'idi, halli nevitaw l-argumenti li jistghu jispiccaw f'attakki vjolenti fuqi".*[53] Fir-rigward ta' manteniment, l-attriċi tikkontendi illi *"jien nikkalkula li l-ispejjez li ghandi biex inrabbi lit-tfal huma ta' madwar €800 fix-xahar – it-tfal dejjem qed jikbru u l-bzonnijiet taghhom dejjem jizdiedu. Ghalhekk nitlob illi C jghaddili s-somma ta' €300 fix-xahar ghal kull wiehed minn uliedna"*;[54]

b. *Fl-affidavit tiegħu*, il-konvenut jgħid illi mindu huwa ġie mkeċċi mid-dar matrimonjali, l-attriċi daħlet numru ta' rġiel differenti fl-istess dar u dan fil-preżenza tal-ulied. Barra minn hekk, it-tfal qed jingħataw inbid u birra mingħand iz-ziju tagħhom Eusebio, jiġu msawtha minn ommhom, u għandhom attitudni ħażina ma' ħaddieħor;[55]

c. *Xhieda ta' Josephine Baldacchino bħala Kap tal-Kulleġġ San Injazju Qormi*,[56] li ddkjarat li t-tewmin qegħdin fi klassijiet differenti minn xulxin biex kull wieħed ikollu progress, u dan anke sabiex ikun hemm attitudni tajba bejniethom għaliex kienu jaqbdu ħafna ma' xulxin. Hija ppreżentat: (i) *summary* ta' attendenza fir-rigward ta' E B u D B,[57] (ii) rapport tal-andament akkedimiku ta' E B u D B,[58] (ii) digrieti tat-13 ta' Ottubru 2017,[59] (iv) *summary* tal-fatti,[60] (v) kopja tal-*email* datata 12 ta' Ġunju 2022,[61] (vi) kopja ta' digriet b'rikors anness.[62] Magħdud mal-premess, ix-xhud tgħid ukoll illi l-iskola għandha ħinijiet tax-xitwa, ħinijiet tas-sajf, ħin għat-taħriġ għall-edukaturi, kif ukoll żmien fejn l-iskola tagħlaq. Għalhekk bħala Kap ta' Skola tgħid li hija teżiġi li l-iskola jkollha gwida ċara dwar il-ħinijiet u l-ġranet li t-tfal jiġu miġbura mill-iskola minn missierhom fid-dawl tad-digriet

[53] Fol. 26.
[54] Fol. 27.
[55] Fol. 1233.
[56] Fol. 1358.
[57] Fol. 1327 – 1334.
[58] Fol. 1335 – 1336.
[59] Fol. 1337 – 138.
[60] Fol. 1339.
[61] Fol. 1340.
[62] Fol. 1341 – 1344.

tat-13 ta' Ottubru 2017. Tissottolineja illi dejjem irnexxielha tifthiem u tikkopera mal-ġenituri;

d. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[63] fejn ippreżenta l-*employment history* tal-konvenut,[64] fejn jidher li jinsab ingaġġjat bħala *Head Chef* fuq bażi *full-time* ma' Ferretti Catering Ltd sa mill-1 ta' April 2013, u kif ukoll l-*employment history* tal-attriċi,[65] fejn jidher li tinsab ingaġġjata bħala *clerk* fuq bażi *full-time* ma' Shuttle Projects Ltd;

e. *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[66] fejn ippreżenta l-*employment history* tal-attriċi,[67] fejn tidher li tinsab ingaġġjata fuq bażi *full-time* bħala *stores and distribution officer* mal-Foundation for Medical Services sa mit-2 ta' Jannar 2019, u kif ukoll l-*employment history* tal-konvenut,[68] fejn jidher li jinsab ingaġġjat bħala *Head Chef* fuq bażi *full-time* ma' Ferretti Catering Ltd sa mill-1 ta' April 2013;

f. *Ix-xhieda ta' Joe Chircop in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[69] fejn ippreżenta dokument li jistabbilixxi l-benefiċċji soċjali li rċeviet u għadha qed tipperċepixxi l-attriċi,[70] filwaqt li kkonferma li l-konvenut ma jipperċepixxix minn dawn il-benefiċċji;

g. *Ix-xhieda ta' Joseph Attard in rappreżentanza ta' Sterling Holdings Ltd*,[71] fejn ikkonferma li l-attriċi kienet ingaġġjata magħhom mill-5 ta' Diċembru 2011sat-28 ta' Ġunju 2013, u ppreżenta erba' (4) FS3s, fejn jidher li: (i) għas-sena li tagħlaq Diċembru 2013 l-attriċi kellha dħul gross ta' €5,336,[72] (ii) għas-sena li tagħlaq Diċembru 2012 l-attriċi kellha dħul gross ta' €9,885[73] (iii) għas-sena li tagħlaq Diċembru 2011 l-attriċi kellha dħul gross ta' €314;[74]

[63] Fol. 785.
[64] Fol. 789.
[65] Fol. 792.
[66] Fol. 1216.
[67] Fol. 1208.
[68] Fol. 1209.
[69] Fol. 786.
[70] Fol. 799.
[71] Fol. 808.
[72] Fol. 812, 213.
[73] Fol. 814.
[74] Fol. 815.

h. <u>*Nota tal-konvenut datata 10 ta' Mejju 2018*</u>,[75] fejn ippreżenta l-FS3s għas-snin li jagħlqu Diċembru 2013, 2014, 2015 u 2016 fejn id-dħul gross tiegħu kien ta' €12,382,[76] €16,239,[77] €15,180,[78] €12,382;[79]

i. <u>*Ix-xhieda ta' Johann L in rappreżentanza ta' F. Schembri Holdings Ltd u Ferretti Catering Ltd*</u>,[80] fejn jikkonferma illi l-konvenut huwa wieħed mill-impjegati ta' Ferretti Catering Ltd fil-kapaċita' ta' *Head Chef* ta' *restaurant* f'Birżebbuġja sa mill-1 ta' April 2013. Jippreżenta kopja tal-FS3: (i) tas-sena li għalqet f'Diċembru 2017 fejn id-dħul gross tal-konvenut kien ta' €15,306,[81] (ii) tas-sena li għalqet 2018 fejn id-dħul gross tal-konvenut kien ta' €15,564,[82] (iii) tas-sena li għalqet 2019 fejn id-dħul gross tal-konvenut kien ta' €18,929.3.[83]

<u>*Is-Sitwazzjoni Pendente Lite rigward il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:*</u>

a. <u>*Digriet tal-1 ta' Awwissu 2016*</u>,[84]fejn il-Qorti *inter alia* ordnat illi: (i) l-kura u kustodja tal-minuri tkun f'idejn ż-żewġ ġenituri, (ii) il-missier jeżerċita aċċess versu l-minuri nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn l-għaxra ta' filgħodu (10am) u nofsinhar (12pm), (iii) il-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment għaż-żewġ minuri s-somma ta' €400 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa;

b. <u>*Digriet datat 13 ta' Ottubru 2017*</u>,[85] fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-attriċi tat-3 ta' Ottubru 2017,[86] hija ordnat *inter alia*: (i) illi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis il-konvenut għandu jiġbor lil minuri wara l-iskola u jżommhom miegħu sas-6.30 ta' filgħaxija, u (ii) fil-ġranet illi ma jiġix eżerċitat l-aċċess, il-minuri jinġabru mill-iskola mill-esponenti, jew min-nanniet materni meta l-attriċi jkollha impenji lavorattivi;

---

[75] Fol. 886.
[76] Fol. 887.
[77] Fol. 888.
[78] Fol. 889.
[79] Fol. 890.
[80] Fol. 891, 967.
[81] Fol. 894.
[82] Fol. 962.
[83] Fol. 964 – 966.
[84] Fol. 6.
[85] Fol. 858.
[86] Fol. 845.

c. *Digriet tat-18 ta' Mejju 2018*, fejn il-konvenut ġie awtorizzat jiġbor lill-uliedu kull nhar ta' Tlieta u Ħamis fil-vaganzi tas-Sajf fis-6.50 ta' filgħodu u jerġa jirritornahom fis-6.30 ta' filgħaxija;

d. *Digriet datat 15 ta' Ottubru 2018*, fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-konvenut tat-18 ta' Settembru 2018,[87] hija akkordat l-aċċess lil konvenut fil-*weekend* alternattivament, darba mill-Ġimgħa mill-4 ta' wara nofsinhar sas-Sibt fl-4 ta' wara nofsinhar, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Ħadd fl-istess ħinijiet;

e. Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea datat 21 ta' Awwissu 2019,[88] fejn ġie nnutat illi *"s-subien huma mizmumin tajjeb u mahbubin ugwalment kemm minn ommhom u anke minn missierhom. It-tfal ihobbu hafna liz-zewg genituri taghhom, u fil-fatt jixtiequ hafna li kieku l-genituri taghhom jergghu lura flimkien. Illi Nikolai u E jixtiequ jqattghu aktar hin ma' missierhom inkluz sleepovers kemm matul il-gimgha kif ukoll fil-weekend. Huma jhobbu hafna lil ommhom, imma jhobbu wkoll lil missierhom. Huma ma jsibux oggezzjoni meta jmorru ghalihom in-nanniet paterni – Nikolai u E ghandhom relazzjoni tajba anke man-nanniet u dawn jehdu hsiebhom u jhobbuhom"*. Għalhekk ġie konkluż illi *"in kunsiderazzjoni tax-xewqat u l-ahjar interessi tat-tfal, l-esponenti umilment tissuggerixxi li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba ta' C B fir-rikors tieghu msemmi"*;

f. Digriet tat-22 ta' Awwissu 2019,[89] fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-konvenut kif dedotti fir-rikors tiegħu tas-16 ta' Lulju 2019,[90] u ċjoe' varjat id-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2018 u ordnat illi l-aċċess tal-esponenti matul il-vaganzi tas-Sajf tat-tfal ikun hekk: (i) kull nhar ta' Tieta minn wara l-ħin tas-*summer school* ossia f'nofsinhar sal-għada l-Erbgħa f'nofsinhar, (ii) nhar il-Ħamis minn wara l-ħin tas-*summer school* ossia f'nofsinhar sas-sebgħa ta' filgħaxija, u (iii) matul il-*weekends* b'mod alternat, darba mill-Ġimgħa mis-sitta (6) ta' wara nofsinhar sas-Sibt fis-sitta (6) ta' wara nofsinhar, u darba ta' wara mis-Sibt għal Ħadd fl-istess ħinijiet.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:*

[87] Fol. 910.
[88] Fol. 1000.
[89] Fol. 1001.
[90] Fol. 985.

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[91] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[92] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[93] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[94] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut...".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet

[91] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[92] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[93] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[94] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

**Frances L vs. Duncan B**,[95] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[96] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi"*. L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

[95]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[96]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u tal-provi, il-Qorti tinnota fil-preżent ulied il-partijiet għandhom kważi disa' (9) snin u huma minorenni. B'hekk għadhom taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħhom.

## Kura u Kustodja tal-Minuri:

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, aħwa B, ulied il-partijiet. Din it-talba tal-attriċi hija bbażata fuq l-allegata vjolenza da parti l-konvenut, fejn min-naħa l-oħra l-konvenut joġġezzona li l-kura u kustodja tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi.

Mill-atti jirriżulta illi minkejja kull disgwid li kien hemm bejn il-partijiet, meta *si tratta* l-minuri, huma dejjem imxew fl-aħjar interess ta' uliedhom, tant li t-tewmin

iħossuhom komdi mat-tnejn li huma. Fil-fatt dan jista' jiġi kkorraborat minn Josephine Baldacchino bħala l-Kap tal-iSkola fejn jattendu t-tfal, mir-Rapport talAvukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, kif ukoll mill-fatt li ma hemm l-ebda disgwid fir-rigward ta' aċċess u manteniment. Barra minn hekk, jirriżulta ukoll li l-kura u kustodja dejjem baqgħat vestita konġuntivament. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddisturba dan il-*modus vivendi*. Id-disgwid u l-argumenti bejn il-partijiet ma għandhomx jiċċentraw fejn jidħlu t-tfal, u l-pika u l-animożita' li teżisti bejniethom ma għandhiex tiġi trasmessa lit-tfal, li f'dan il-proċess kollu ma jaħtu xejn. Għalhekk, il-Qorti tnsab tal-fehma li fl-aħjar interessi tal-ulied, il-kura u kustodja tkun konġunta bejn il-partijiet, b'dana illi l-minuri jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, f'liema fond ma jistgħax jidħol *partner* tal-attriċi, sakemm tali relazzjoni tkun fil-fatt waħda stabbli li tal-inqas tkun ilha għaddejja għal żmien ta' sena.

**Aċċess għal Minuri:**

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[97]

Il-minuri għandhom d-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[98] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika*

[97] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam P pro et noe vs. Frances P**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[98] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

*eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Wara li l-Qorti qisiet il-provi kollha, hija tal-fehma illi l-aċċess attwali jidher li qiegħed jaħdem, fejn it-tfal jidhru li daħlu f'rutina u ma hemmx problemi bejn il-partijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tordna illi:

i. Matul is-sena skolastika:

   a. L-aċċess matul il-ġimgħa għandu jkun kull nhar ta' Tlieta u Ħamis fejn il-konvenut għandu jiġbor lil minuri wara l-iskola fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30pm) fil-ħin tax-Xitwa, f'nofsinhar (12pm) fil-ħin tas-Sajf, u fil-ħdax ta' filgħodu (11am) meta l-edukaturi jkollhom it-taħriġ, u jżommhom miegħu sas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm), b'dana illi fil-ġranet illi ma jiġix eżerċitat l-aċċess, il-minuri jinġabru mill-iskola mill-attriċi jew min-nanniet materni meta l-attriċi jkollha impenji lavorattivi;

   b. L-aċċess fi tmiem il-ġimgħa, dan għandu jkun b'mod alternat mill-Ġimgħa mill-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm) sas-Sibt fl-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm), u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Ħadd fl-istess ħinijiet;

ii. Matul il-ferjat tas-Sajf, tal-Għid, u tal-Milied:

   a. L-aċċess matul il-ġimgħa għandu jkun kull nhar ta' Tlieta minn nofsinhar (12pm) sal-għada l-Erbgħa f'nofsinhar (12pm), u nhar il-Ħamis f'nofsinhar sas-sebgħa ta' filgħaxija (7pm);

   b. L-aċċess fi tmiem il-ġimgħa, dan għandu jkun b'mod alternat mill-Ġimgħa mis-sitta ta' wara nofsinhar (6pm) sas-Sibt fis-sitta ta' wara nofsinhar (6pm), u darba ta' wara mis-Sibt għal Ħadd fl-istess ħinijiet.

Minħabba l-fatt illi l-konvenut jaħdem bħala *chef*, u b'hekk ċertu ġranet jaf ikun xogħol, bħal festi tal-Milied, festi tal-Għid, Jum il-Missier u Jum l-Omm, il-Qorti tordna lill-attriċi sabiex tkun konsiderevoli u tifthiem mal-konvenut sabiex b'hekk jintaħaq ftehim bil-ghan li l-minuri jgawdu lil missierhom ukoll. Barra minn hekk, dakinhar ta' għeluq snin il-minuri, il-missier għandu jkollu aċċess għalihom b'dana illi f'każ li tali ġurnata taħbat matul il-ġimgħa, il-konvenut għandu jiġborhom minn wara l-iskola u jżommhom sas-sitta ta' filgħaxija (6pm), iżda jekk tali ġurnata taħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun hemm *sleepover* abbinat u dan bi ftehim mal-attriċi.

**Manteniment għal Minuri:**

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħixu ma' ommhom, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed iħallas is-somma ta' €200 kull xahar għal minuri, u dan oltre sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie G pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[99] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[100] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina****,[101] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[102]". ".*

[99] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[100] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[101] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[102] **Priscilla Cassar vs Robert L,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

Tenut kont tal-provi mresqa, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għal kull wild, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull wild, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u sebgħin euro (€275) kull xahar għal kull minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għaż-żewġt itfal sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

## 5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, u l-Assi Parafernali:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-3 ta' Marzu 2013, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tas-sentenza parzjali mogħtija nhar l-14 ta' Frar 2019, il-Qorti laqgħat it-talba tal-partijiet kif dedotta fir-rikors tal-konvenut datat 26 ta' Ottubru 2018, u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

*<u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom</u>*

Sabiex il-partijiet jippruvaw dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, huma resqu s-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Miriam Sultana in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange*,[103] fejn irriżulta kollox fin-negattiv;[104]

b. *Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino mill-Banif Bank*,[105] fejn irriżulta li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-bank imsemmi;

c. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*,[106] fejn ikkonfermat illi: (i) fuq isem il-konvenut irriżulta għaxar (10) kontijiet,[107] li erba' (4) minnhom huma magħluqin,[108] kif ukoll *cedit card*,[109] (ii) fuq isem l-attriċi irriżulta erba' (4) kontijiet,[110] fejn tnejn (2) minnhom biss għadhom attivi,[111] u (iii) fuq isem il-partijiet b'mod konġunt irriżultaw erba' (4) kontijiet,[112] fejn wieħed biss għadu attiv;[113]

d. *Ix-xhieda ta' H Galea in rappreżentanza ta' APS Bank*,[114] fejn ikkonferma li: (i) fuq isem il-partijiet b'mod konġunt sab żewġ kontijiet,[115] u (ii) fuq isem l-attriċi rriżulta kont bankarju wieħed.[116] Jikkonferma ukoll li dawn il-kontijiet jinsabu kollha attivi iżda bblokjati minħabba mandat ta' sekwestru;

e. *Ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[117] fejn ikkonfermat li: (i) fuq isem l-attriċi rriżulta sitt (6) kontijiet li huma kollha magħluqin,[118] (ii) fuq isem il-konvenut ma rriżulta l-ebda kont bankarju, u (iii) fuq isem il-partijiet b'mod konġunt irriżulta erba' (4)

---

[103] Fol. 43.
[104] Fol. 48, 49.
[105] Fol. 43.
[106] Fol. 43.
[107] Fol. 504 – 627.
[108] BOV 1: Fol. 504 – 591; BOV 7: Fol. 606 - 611, BOV 8: Fol. 612 – 624, BOV 9: Fol. 625.
[109] Fol. 628 – 678.
[110] Fol. 679 – 709.
[111] BOV 12: Fol. 679 - 686, BOV 15: Fol. 696 - 709.
[112] Fol. 710 – 771.
[113] BOV 18: Fol. 766 – 770.
[114] Fol. 44.
[115] Fol. 500 – 502.
[116] Fol. 503.
[117] Fol. 44.
[118] Fol. 50 – 405.

kontijiet li huma kollha magħluqin.[119] Jiġi kkonfermat ukoll li l-attriċi għandha kontijiet ma' terzi persuni;

f. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[120] fejn ippreżenta dokument li juri l-vetturi li hemm reġistrati fuq isem il-konvenut fil-preżent,[121] u dokument ieħor li juru dawk li kienu reġistrati fuq l-istess konvenut fil-passat ċjoe' bejn is-27 ta' April 2005 sas-6 ta' Awwissu 2012.[122] Min-naħa l-oħra ġie ddikjarat li fuq isem l-attriċi qatt ma kien hemm vettura rreġistrata;[123]

g. *Ix-xhieda oħra ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[124] fejn ippreżenta dokument li juri: (i) il-vetturi li hemm reġistrati fuq isem il-konvenut fil-preżent, ossija vettura tat-tip VW Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni UUU-888, li ilha reġistrata fuq ismu sa mit-28 ta' Settembru 2012,[125] (ii) il-vetturi li kienu reġistrati fuq l-istess konvenut fil-passat,[126] ċjoe' vettura tat-tip Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE-627 li kienet reġistrata fuq ismu għal perjodu bejn is-27 ta' April 2005 u s-6 ta' Awwissu 2012, (iii) il-vetturi li kienu reġistrati fuq l-attriċi fil-passat,[127] u (iv) il-vetturi li huma reġistrati fuq l-attriċi fil-preżent;[128]

h. *Ix-xhieda ta' Nicholas Degiorgio in rappreżentanza ta' Calamata Cuschieri*,[129] fejn jikkonferma li ma sab l-ebda investimenti passati jew preżenti f'isem il-konvenut;

i. *Ix-xhieda ta' Daniel Sammut in rappreżentanza ta' BOV Asset Management*,[130] li ppreżenta dokument wieħed li jistabbilixxi l-investimenti kollha li kellu fuq isem il-konvenut,[131] ossija: (i) La Valletta Euro Malta Money Fund mixtrija fit-23 ta' Awwissu 2011 u msarfa nhar is-7 ta' Frar 2012, u (ii) Vilhena Malta Government Bond Fund mixtrija nhar il-11 ta' Frar 2004 u msarfa nhar it-23 ta' April 2004;

[119] Fol. 413 – 499.
[120] Fol. 785.
[121] Fol. 795.
[122] Fol. 797.
[123] Fol. 793, 794.
[124] Fol. 1217.
[125] Fol. 1212.
[126] Fol. 1214.
[127] Fol. 1210.
[128] Fol. 1211.
[129] Fol. 973.
[130] Fol. 1007.
[131] Fol. 1004.

j. *Ix-xhieda ta' Jeanette Lepre in rappreżentanza ta' Lombard Bank plc*,[132] fejn ikkonfermat li ma sabet l-ebda kontijiet fuq isem il-konvenut;

k. *Ix-xhieda ta' Dr Daphne Mallia in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea*,[133] fejn ippreżentat polza tal-assigurazzjoni bħala *joint loan protection plan* bin-numru 31022709 li nbdiet fit-2 ta' April 2019 u għadha attiva,[134] u oħra tat-tip *joint policy surrender flexi plan* bin-numru FP468598 mibdija nhar it-30 ta' Diċembru 2011 u msarfa nhar il-11 ta' April 2019 fis-somma ta' €3,158.59;[135]

l. *Sett ta' għoxrin (20) ritratt,[136] ta' mobbli ġewwa d-dar matrimonjali*;

m. *Kopja tal-kuntratt ta' xiri tad-dar matrimojali nhar l-20 ta' Frar 2012 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Daniel John Bugeja*,[137] versu l-prezz ta' €109,480, €60,000 minnhom ġew mislufa lilhom mill-Bank of Valletta plc;

n. *Stima tad-dar matrimonjali datata 18 ta' Mejju 2019 mill-Perit George L*,[138] fejn il-prezz huwa dak ta' €214,000;

o. *Xhieda ta' J K*,[139] li kkonferma li bintu ngħatat dota qabel ma' żżewġet. Jikkonferma li l-i*stone unit* ħadimha kollha hu sabiex bintu ikollha rikordju tiegħu. L-għodda li ħadem biha tappartjeni kollha lilu u kienet tinsab għand bintu, iżda li sussegwentament ħadha għandu;

p. *Xhieda ta' L K*,[140] li kkonfermat li qabel iżżewġet bintha din kienet tatha numru ta' affarijiet bħala dota, bħal sett tal-borom, *bedspreads*, ložor, purtieri, gandlieri, važun, televiżjoni, xogħol tal-idejn, sett ta' sitt siġġijiet;

q. *Affidavit tal-konvenut*, fejn jgħid li huma fil-fatt xtraw post versu l-prezz ta' €123,500 fejn din tal-aħħar ħarġet id-depożitu tal-konvenju filwaqt li huwa kellu koħroġ il-kumplament tal-ispejjeż. Il-konvenut jispjega li huma ħadu *loan* ta' €60,000, liema €30,000 minnhom ġew *pledged* minn kontijiet tal-

---

[132] Fol. 1011.
[133] Fol. 1013.
[134] Fol. 1005.
[135] Fol. 1006.
[136] Fol. 1040.
[137] Fol. 1091, 1234.
[138] Fol. 1103.
[139] Fol. 1041.
[140] Fol. 1049.

konvenut li kellu qabel iż-żwieġ. Barra minn hekk, il-konvenut jgħid ukoll li oħtu kienet selfitu s-somma ta' €20,000, li minnhom ħallas €10,077.57 tal-*loan,* apparti li fl-20 ta' Frar 2012 huwa ukoll ħallas l-ammont ta' €35,000 tal-*loan* liema flus ħarġu mill-kont bankarju tiegħu, u ħallas ukoll is-somma ta' €14,000 liema flus kien tahomlu missieru fl-20 ta' Awwissu 2011. Jikkonferma ukoll li qabel iż-żwieġ ħallas minn butu: (i) il-kċina u l-kamra tas-sodda ħallashom hu ukoll fl-ammont ta' madwar €10,000, iżda ma għandux irċevuta, (ii) *appliances* fl-ammont ta' €1,000, (iii) bieb tas-*shower* fl-ammont ta' €250, (iii) dwal fl-ammont ta' €530, (iv) irħam tal-kċina fl-ammont ta' €1,740, (iv) manutenzjoni tal-kmamar tal-banju fl-ammont ta' €68.21, (v) televiżjoni fl-ammont ta' €1,065, (vi) sink tal-kċina u *water heater* fl-ammont ta' €320, (vii) *walk-in-wardrobe* fl-ammont ta' €400, u (viii) *gypsum* fl-ammont ta' €5,000. Għalhekk jikkonferma li meta daħlu jgħixu fid-dar kien fadal biss li jsiru il-bibien ta' ġewwa u l-*air conditioning.*[141] Jgħid li huwa ħalla d-dar bagalja għodda, żewġ rimmijiet ġodda u *basebox* ta' karozza.[142]

r. *In kontro-eżami*,[143] il-konvenut jikkonferma li l-attriċi ħalset id-depożitu tal-konvenju u l-kamra tal-banju l-*main,* filwaqt li jgħid li kamra tal-banju *ensuite* ħallasha hu. Il-bibien ta' ġewwa kien ħallashom missier il-konvenut, li ġew jiswew €750 kull wieħed u b'kollox hemm ħamsa (5). Jispjega li huwa għadu ma ħallasx lil missieru tal-bibien, u lanqas lill-oħtu tal-għoxrin elf Ewro (€20,000) li selfitu biex jarma ġewwa, għajr għal elfejn Ewro (€2,000). Dawn l-għoxrin elf Ewro (€20,000) għalkemm ġew mislufa lilu, ġew depożitati f'kont konġunt. Jikkonferma illi l-post xtrawh versu l-prezz ta' €123,500, u bħala ħlas kien hemm: (i) €60,000 bħala *loan* mill-bank, (ii) €20,000 self mingħand oħtu, (iii) €14,000 donazzjoni mingħand missieru, (iv) €35,000 mill-kont bankarju personali tal-konvenut, u (v) €11,000 depożitu mħallas mill-attriċi. Jgħid li hu dejjem ħallas l-affarijiet tad-dar. Jispjega li l-għoxrin elf ewro (€20,000) intefqu kollha, fejn minnhom sar xi pagament fuq id-dar u l-bqija fuq l-affarijiet tad-dar. Jgħid ukoll illi qabel ma żżewweġ kien jaħdem ma' Cassia Salina fejn l-introjtu kien ikun dejjem *cash,* sussegwentament beda jaħdem ma' Ferretti Catering Limited fejn dejjem tħallas permezz ta' ċekk.

[141] Fol. 1224, 1225.
[142] Fol. 1227.
[143] Fol. 1379.

s. *Sanction letter datata 26 ta' Settembru 2011*,[144] dwar is-self mogħti lil partijiet u l-garanzija rikjesta;

t. *Estratti ta' statements bankarji ta' tlett (3) kontijiet tal-konvenut fejn is-somma globali ta' €30,000 servew bħala pledge għas-self mogħti lil partijiet*;[145]

u. *Estratt ta' statement bankarju tal-partijiet b'mod konġunt fejn jidher li hemm dħul ta' €35,000 nhar l-20 ta' Frar 2012*;[146]

v. *Estratt ta' statement bankarju tal-konvenut fejn jidher li nhar it-13 ta' Frar 2012 kellu dħul ta' €24,170 mill-Valletta Fund, u nhar l-20 ta' Frar 2012 ħareġ mill-istess kont is-somma ta' €35,000 u €14,000*;[147]

w. *Estratt ta' statement bankarju ta' missier il-konvenut fejn jidher li nhar l-20 ta' Awwissu 2011 kien ta lil ibnu s-somma ta' €13,976.24*;[148]

x. *Estratt ta' statement bamkarju tal-konvenut fejn jidher li nhar l-20 ta' Awwissu 2011 kellu dħul ta' €13,976.24 minngħand missieru, u kif ukoll ħruġ ta' somma ta' €14,000 fejn ġew investiti fil-Euro Malta Money Fund*;[149]

y. *Dokment minn għand il-Valletta Fund Managament fejn jidher li nhar it-23 ta' Awwissu 2011 il-konvenut xtara ishma fil-La Vallette Euro Malta Money Fund fis-somma ta' €14,000*;[150]

z. *Kuntratt bħala rċevuta datat 20 ta' Frar 2012, fejn ġie ddikjarat li l-aħwa Badacchino in rappreżentanza ta' Kurabi Limited (C-13827) lestew ix-xogħol ta' appalt rigward l-appartment u garaxx f'St Anne Court, Valletta Road, Qormi*, u dan versu l-ammont ta' €13,976,li ġie mħallas minn C B u A K;[151]

aa. *Irċevuti tal-affarijiet kollha li saru minn C B fid-dar matrimonjali qabel iż-żwieġ li jammontaw għal €6,957.87*;[152]

---

[144] Fol. 1240.
[145] Fol. 1247 – 1252.
[146] Fol. 1253.
[147] Fol. 1254.
[148] Fol. 1255.
[149] Fol. 1256.
[150] Fol. 1257.
[151] Fol. 1258.
[152] Fol. 1259 – 1275.

bb. <u>*Xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' ARMS Ltd*</u>,[153] li ppreżenta: (i) l-aħħar kont fuq ir-residenza matrimonjali,[154] (ii) *payment statements* tal-konvenut,[155] (iii) estratt tal-pagamenti,[156] (iv) *readings* tal-kont tad-dawl,[157] (v) *readings* tal-kont tal-ilma,[158] (vi) lista tal-persuni li jieħdu s-sussidju;[159]

Tenut kont il-premess, il-Qorti tara illi:

<u>*Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz ta' "X, Block C, Flat 6, X Road, Qormi",*</u> il-Qorti tara li dan il-fond ġie akkwistat bejn iż-żewġ partijiet nhar l-20 ta' Frar 2012. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara illi l-proprjeta' għandha titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ, bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' tlett *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jinqasam kif ġej: (i) fl-ewwel lok jitħallas id-dejn pendenti mal-Bank of Valletta plc fir-rigward tal-istess fond, (ii) fit-tieni lok l-attriċi u l-konvenut jitħallsu s-somma ta' €21,865,[160] u €99,294.66 rispettivament, liema somom huma parafernali, u (iii) fit-tielet lok il-bilanċ rimanenti jinqasam ugwalment bejn it-tnejn.

<u>*Fir-rigward tal-mobbli ġewwa d-dar matrimonjali*</u>, il-Qorti tordna illi dawn jiġu fl-intier tagħhom assenjati lill-attriċi, fejn uħud minnhom u ċjoe' dawk elenkati mill-attriċi huma parafernali tagħha, u l-bqija jappartjenu lil komunjoni. Madanakollu, u għal dawk l-oġġetti li jiffurmaw parti mill-komunjoni l-Qorti tordna lill-attriċi sabiex tħallas lil konvenut is-somma ta' €10,885.21 rappreżentanti sehemu għall-istess,[161] li tagħhom ippreżenta rċevuta jew transazzjoni, stante li kien ħallashom bi flus parafernali. Dawn is-somom jinkludu

---

[153] Fol. 1370.
[154] Fol. 1345.
[155] Fol. 1347 – 1350.
[156] Fol. 1351 – 1352.
[157] Fol. 1353 – 1354.
[158] Fol. 1355 – 1356.
[159] Fol. 1357.
[160] Is-somma parafernali, l-introjtu tal-konvenut bejn Ġunju 2016 u Frar 2017 u sehem l-attriċi mit-transazzjoni unilaterali da parti l-konvenut.
[161] Il-konvenut jisħaq illi sehemu fid-dar matrimonjali bħala għamara huwa: €20,885.21. Iżda fix-xhieda tiegħu jikkonferma illi nofs tali flus ħarġu mis-self li tatu oħtu ta' €20,000. Dawk l-€10,000 l-oħra li utilizza fid-dar, qed jittieħu in konsiderazzjoni iktar 'l isfel fis-sentenza.

l-kċina u anke l-kmamar tal-banju, li llum jiffurmaw parti mid-dar matrimonjali. F'każ illi l-attriċi ma tixtrix il-fond hi, mir-rikavat tal-bejgħ tal-post il-konvenut għandu jiġi rifuż is-somma li ħallas għal kċina u l-*ensuite bathroom,* filwaqt li l-attriċi għandha tiġi rifuża s-somma mħallsa minnha għall-*main bathroom.* Madanakollu dak kollu li jappartjeni lit-tfal, u li llum ma għadux jiġi ntużat, l-istess għandhom jinbiegħu u l-flus miġbura għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li jkunu intestati f'isimha b'dana illi l-bilanċ għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġunti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-bilanċ għandu ukoll jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Dawk il-kontijiet li huma intiżi għall-ulied għandhom ikunu konġunti bil-fakolta' li jkunu *both parties to sign*.

Madanakollu u fir-rigward ta' transazzjonijiet li saru mill-partijiet unileralment mill-kontijiet bankarji, il-Qorti tara illi l-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €5,000 rappreżentanti sehemha mill-€10,000 minnu miġbuda nhar is-26 ta' Mejju 2016.[162] Tajjeb li jingħad li għalkemm il-konvenut jallega li l-kont li minnu sar din it-transazzjoni kien jappartjeni lilu sa ma qabel ma żżewweġ u li fih kien hemm elf euro (€1,000) parafernali, il-Qorti tara li ta' dan ma' hemm l-ebda prova. *Di piu'* il-Qorti tara li saru ukoll numru ta' depożiti u transazzjonijiet oħra minn diversi *joint accounts* iżda ma tafx minn min saru dawn it-transazzjonijiet, għalhekk ma tistgħax tiddeċiedi dwar l-istess.

*Fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni bin-numru 31022709 u FP468598*, il-Qorti li fuq dawn il-poloz ma hemm l-ebda pendenzi.

*Fir-rigward ta' kumpens mitlub mill-attriċi*, il-Qorti tisħaq illi fil-każ odjern iż-żewġ partijiet ġew misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ b'mod ugwali u għaldaqstant ma hemmx lok li din il-Qorti tippronunzja ruħha dwar tali materja;

*Fir-rigward tal-introjtu tal-konvenut minn wara li telaq mid-dar matrimonjali*, il-Qorti tara illi fl-2017 u 2018, il-konveut kellu paga gross ta' €15,306 u €15,564 rispettivament, fejn għalhekk kellu madwar €1,100 nett f'idejh. F'dak iż-żmien l-attriċi ma kienetx tinsab f'impjieg, u dan sal-bidu ta' Marzu 2017. Mill-paga tal-

[162] Fol. 610.

konvenut, kien qiegħed jiġi mħallas il-manteniment u dan skont id-digriet tal-1 ta' Awwissu 2016 fis-somma ta' €400 fix-xahar u dan oltra nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Għalhekk jekk wieħed inaqqas is-somma ta' manteniment mill-introjtu tal-konvenut, wieħed jara li jifdallu s-somma ta' €700, u nofs tali somma tappartjeni lill-attriċi. Għalhekk minn Ġunju 2016 sa Frar 2016 sakemm l-attriċi bdiet taħdem, il-konvenut għandu jirrifondi sehemha mill-introjtu tiegħu stante li dan jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwsti, u ċjoe' is-somma ta' €3,550.[163]

*Elenku ta' l-Assi kollha Parafernali:*

*Fir-rigward tal-vetturi,* il-Qorti tara li kien il-konvenut biss li fil-passat u fil-preżent kellu u għad għadu reġistrati fuq ismu żewġ vetturi, liema vetturi huma t-tnejn parafernali stante li dawn ġew reġistrati fuq ismu qabel id-data taż-żwieġ;

*Fir-rigward ta' affarijiet dotali u parafernali tal-attriċi, il-Qorti hija tal-fehma li s-segwenti jappartjenu lill-attriċi*: gandlieri, vażun bil-fjuri, mirja, fjuri żgħar, sinjorini, fannijiet, sitt (6) siġġijiet tal-plastik, borom, beadspreads, liżor, oġġetti tad-dwiefer, tieqa tal-aluminium, affarijiet tal-*camping,* mejda tal-*picnic* ħamra, oġġetti li jinsabu fil-kamra tal-banju, arloġġ tal-kristall, aċċessorji li jinsabu fil-*living room*, maskri ta' Venezia, mejda ta' taħt it-television.

*Fir-rigward ta' affarijiet parafernali tal-konvenut*, il-Qorti tara li dak elenkat mill-konvenut f'paragrafu 54 tan-nota ta' sottomissjonijiet għandhom jiġu assenjati lilu.

*Fir-rigward ta' flus parafernali tal-partijiet*, il-Qorti tara illi:

(i) L-attriċi ma għandhiex tiġi rifuża ebda ammonti rigward it-tieġ u *honeymoon* stante li dawn kienu bi ftehim mal-konvenut li jinqasmu nofs bin-nofs. Lanqas ma għandha tiġi rifuża l-flus għar-rigali lil konvenut stante li dawn saru b'donazzjoni lilu volontarjament. Iċ-ċekkijiet kollha maħruġa mill-attriċi qabel iż-żwieġ rigward sufan, purtieri, raff, u *bathroom*, dawn l-attriċi ma għandhiex tiġi rifuża tagħhom stante l-mobbli kollha ġew interament assenjati lilha. Madanakollu, l-Qorti tara li l-attriċi għandha tiġi rifuża s-

[163] Ġunju 2016 – nofs is-somma ta' €1,100; Lulju 2016 – nofs is-somma ta' €1,100; Awwissu 2016 sa Frar 2017 – is-somma ta' €350.

somma ta' €11,000 rapprezentanti d-depożitu għax-xiri tad-dar matrionjali, €1,140 bħala ħlas ta' bolol, €175 ħlasijiet lil periti, u ċjoe' s-somma komplessiva ta' €12,315;

(ii) Il-konvenut għandu jiġi rifuż is-segwenti: (a) is-somma ta' €14,000 li ngħataw lilu minn missieru nhar l-20 ta' Awwissu 2011 u tħallsu fuq il-garaxx nhar l-20 ta' Frar 2012, (b) is-somma ta' €35,000 mħalsa mill-konvenut bħala pagament għax-xiri tad-dar matrimonjali nhar l-20 ta' Frar 2012, (c) is-somma ta' €10,000 mħallsa mill-konvenut nhar l-23 ta' April 2012,[164] (d) is-somma ta' €10,172.83 mħallsa mill-konvenut nhar il-25 ta' Ġunju 2012,[165] is-somma ta' €10,121.83 mħallsa mill-konvenut nhar l-10 ta' Awwissu 2012.[166] Dawn flimkien jammontaw għal €79,294.66. Il-konvenut jippretendi ukoll ħlas ta' €6,737.69 flimkien ma' €20,000 li ġew mislufa lilu mingħand oħtu. Il-Qorti f'dan ir-rigward tara li l-partijiet fetħu kont konġunt bin-numru 40020179861,[167] fejn fih nhar l-4 ta' Ottubru 2011 ġiet depożitata is-somma ta' €20,000, li ġiet mislufa lill-konvenut mingħand oħtu. Tajjeb li jingħad li oħt il-konvenut ma xehditx f'dawn il-proċeduri, imma tali depożitu jikkombaċa ma' dak li xehed dwaru l-konvenut, fejn qal li tali somma ġiet mislufa lilu mingħand oħtu. Nofs tali somma ġiet utilizzata għax-xiri tad-dar matrimonjali u n-nofs l-ieħor biex timtela' l-imsemmija dar. Il-Qorti tara illi f'tali kont ġiet ukoll depożitata s-somma ta' €35,000 li fil-fehma tal-Qorti tappartjeni lill-konvenut, u li sussegwentament ġiet utilizzata sabiex jitħallas parti mid-dar matrimonjali. Għalhekk, jirriżulta illi ċertu *fees* u *loans* konessi mad-dar matrimonjali kienu qegħdin jitħallsu proprju mis-somma ta' €20,000 mislufa lill-konvenut minn oħtu. B'hekk, il-Qorti hija tal-fehma illi flimkien mas-somma surrefeL, il-konvenut għandu jitħallas ukoll bħala somma parafernali iċ-ċifra ta' €20,000. Iżda ġialadarba jirriżulta illi l-konvenut iddikjara li matul iż-żwieġ huwa diġa' ħallas lil oħtu €2,000, il-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi €1,000 bħala sehemha in vista li s-somma ta' €20,000 hija meqjsa bħala parafernali.

Għalhekk is-somma parafernali dovuta lill-attriċi hija ta' €13,315, u dik lill-konvenut hija ta' €99,294.66.

---

[164] Fol. 1250.
[165] Fol. 1252.
[166] Fol. 1248.
[167] Fol. 710.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tiċħad limitatament it-tieni talba rigward il-kura u kustodja, u tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri tkun konġunta bejn il-partijiet, b'dana illi l-minuri jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, f'liema fond ma jistgħax jidħol *partner* tal-attriċi, sakemm tali relazzjoni tkun fil-fatt waħda stabbli li tal-inqas tkun ilha għaddejja għal żmien ta' sena; tordna ukoll illi l-konvenut għandu d-dritt għal aċċess ma' uliedu u dan skont kif indikat f'din is-sentenza;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talbiet fir-rigward ta' manteniment tal-ulied u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għal kull wild, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull wild, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u sebgħin euro (€275) kull xahar għal kull minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għaż-żewġt itfal sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom;

4. Tilqa' il-ħames talba u ai termini tal-Artikolu 66E tal-Kodiċi Ċivili tapplika s-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 *et seq* kemm konrtra l-konvenut, kif ukoll kontra l-attriċi;

5. Tilqa' is-sitt, is-seba' talba, it-tmien u d-disa' talba, u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assi Parafernali'*, filwaqt li l-assi parafernali jiġu assenjati kifelenkat fl-istess taqsima; tinnomina lil Dr. Sean Critien bħala Nutar sabiex jirċievi l-atti relattivi u lil Dr. Maria Karlsson bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmija atti;

6. Tiċħad l-għaxar talba;

7. Il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 359/2013, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jiġu sapportati ugwalment bejn il-partijiet.